IL-BIRGU
Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**
Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

**Minuti tal-Laqgha 49 (06)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 49 (06) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar is-sittax (16) ta' Marzu, 2015 fis-sitta ta' filghaxija (6:00pm)

Id-Disgha u Erbghin Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**
4. **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2014 (Rivedut)**
5. **Referendum dwar it-Torri tal-Arlogg**
6. **Progett tal-Berga tal-Ingilterra**
7. **Cerimonja tal-Ghotja tal-Unur tac-Cittadinanza Onorarja lill-Granmastru tal-Ordni Sovrana Militari ta' San Gwann, l-Ecc. Tieghu, Fra Matthew Festing**
8. **Arising**

**Prezenti**
Is-Sindku, is-Sur John Boxall
Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi
Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard,
Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel,
Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore

**Skuzat**
Il-Kunsillier, is-Sur Alan Cassar

**Attendew ghall-Ewwel Parti tal-Laqgha:**

Is-Sinjuri Christian Zammit u Sonia Muscat – Rapprezentanti tal-kumpanija tal-accountants Nexia BT

**Talba**

Il-Laqgha bdiet fis-sitta ta' filghaxija. Is-Sindku qal it-talba u taha bidu ghall- Laqgha numru 49(06).

1. Approvvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghas-Sena 2014 ( Rivedut)

**1.1** Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, ir-Rapport Finanzjarju ghas-Sena 2014 (Rivedut).

**1.2** Is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lill-accountants tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, il-kumpanija Nexia BT, sabiex taghti spjegazzjoni tal-kontenut tar-rapport wara li dan gie rivedut minhabba li dak li tressaq fil-Laqgha 47(6) ma kienx korrett ghaliex meta tressaq originaljament fil-Laqgha 47 (6) tas-16 ta' Frar,2015, ma kienux ittiehdu inkonsiderazzjoni l-aggustamenti li saru fir-rapport finanzjarju tal-2013.

**1.3** Is-Sur Christian Zammit u s-Sinjura Sonia Muscat, rapprezentanti tal-kumpanija Nexia BT spjegaw li wara l-aggustamenti li saru, hemm aktar stampa cara u ahjar ta' kif marru l-finanzi matul is-sena 2014. Filfatt il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu tidher li marret ahjar milli deher fir-rapport originali li kien ipprezentat fis-16 ta' Frar, 2015. Spjegaw li fil-verita' in-nett loss naqas b'madwar €3,000 meta mqabbel mas-sena 2013.

**1.4** F'din il-fazi, ir-rapprezentanti tal-kumpanija Nexia BT, hallew il-kamra, u s-Sindku, is-Sur John Boxall stieden lis-Segretarju Ezekuttiv, is-Sjra Tania Belfiore biex taghti spjegazzjoni dettaljata tar-Rapport Finanzju tal-2014 (Rivedut) lill-membri tal-Kunsill prezenti.

**1.5** Wara l-ispegazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv, is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2014 (Rivedut) li jkopri ix-xhur ta' Jannar sa Dicembru 2014.

## 2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqghat 44(06), 44(06) (kont), 45 (06), 46 (06), 47 (06) u 48 (06)

**2.1** Is-Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-aprrovazzjoni il-minuti tal-Laqghat 44(06), 44(06) (kont), 45 (06), 46 (06), 47 (06) u 48 (06), liema minuti gew approvati unaninament mill-membri kollha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu li kienu prezenti.

## 3 <u>Arising</u>

**3.1** Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar il-Gwardjani Lokali gewwa l-Birgu, kif ukoll il-pagamenti tal-10% tal-LES li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jircievi minghand ir-Regjuni. Sahaq li il-Kunsill ghandu jara li dak li huwa misthoqq li jithallas lill-Kunsill ghandu jittiehed. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel tkellem rigward il-gwardjani lokali li qeghdin ikunu ta' kuljum gewwa l-Birgu. Huwa sahaq li qeghdin jinghataw multi bl-addocc. Rigward dan is-Sindku sahaq li fic-cirkostanzi li qeghda fiha l-lokalita' tal-Birgu, cioe' li bhalissa qeghdin isiru bosta xoghlijiet fit-toroq, u minhabba dan, il-parkegg qieghed ikun limitat, il-gwardjani lokali u min jidderigiehom ghandhom ikunu aktar flessibli u realistici qabel ma johorgu l-multi lil dawk is-sidien tal-vetturi li jista' jkun li ghalkemm ma jipparkjawx il-vetturi taghhom mija fil-mija, ma jkunux qeghdin jingumbraw.

**3.2** Id-diskussjoni daret rigward il-grad tas-Sjra. Moira Azzopardi li bhalissa hu ta' Skrivana Skala 14. Fix-xhur li ghaddew kien sar qbil mill-Kunsill li s-Sinjra. Azzopardi tinghata l-grad ta' Ufficcjal Ezekuttiv Skala 13, haga li ma sehhetx minhabba li s-Segretarju Ezekuttiv precidenti ma qablitx li dan il-grad ma setax jinghata awtomatikament bl-approvazzjoni tal-Kunsill biss. Intant, fuq proposta tas-Sindku, is-Sur John Boxall sar qbil unanimu li tinhareg sejha ta' applikazzjoni fi hdan il-Kunsill lokali tal-Birgu ghal Ufficcjal Ezekuttiv Skala 13. Is-Segretarju Ezekuttiv fisser lill-membri tal-Kunsill prezenti li dan kien ser isir b'mod immedjat wara li tigi moghtija direzzjoni minn naha tad-Dipartiment ghal-Gvern Lokali.

**3.3** Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, staqsa jekk il- fanali kienux gew mwahhla. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, wiegeb li fanal wiehed biss giet mwahhal bi prova.

**3.4** Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, ressaq quddiem il-membri tal-Kunsill ix-xewqa li hemm li l-poloz tar-Regatta jittellghu minn fuq Sant' Anglu. Huwa gie infurmat mis-Sindku li peress li din iz-zona taqa' taht ir-responsabilita' tal- Grandharbour Marina, it-talba ghall-permess ghandha sssir l-imsemmi consorteum.

## 4 Cerimonja tal-Ghotja tal-Unur tac-Cittadinanza Onorarja lill-Granmastru tal-Ordni Sovrana Militari ta' San Gwann, l-Ecc. Tieghu, Fra Matthew Festing

**4.1** Id-diskussjoni dahret dwar iz-zjara statali li ghandu jaghmel il-Gran Mastru gdid tal-Ordni ta' San Gwann ta' Gerusalem ta' Rodi u ta' Malta, l-Altezza Eminenza. Tieghu Fra Matthew Festing, bejn il-15 u s-17 t'April, 2015. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lil membri prezenti li d-data meta l-Gran Mastru tal- Ordni ta' San Gwann ta' Gerusalem ta' Rodi u ta' Malta, l- Altezza Eminenza Tieghu Fra Matthew Festing kien ser jinghata l-unur tac-Cittadinanza Onorarja mill-Belt tal-Birgu, kienet is-17 ta' April, 2015. Ghad ma hemmx informazzjoni rigward fejn ser issir ic-cerimonja u lanqas il-hin.

## 5 Referendum Torri tal-Arlogg

**5.1** Gie diskuss ukoll is-suggett li jirrigwarda r-referndum dwar it-Torri tal-Arlogg. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsillera li huwa kien gie avvicinat mis-Sur Joseph Church, Chief Electoral Commissioner rigward ir-referendum li kellu jsir fil-gimghat li gejjin gewwa l-Birgu fuq it-Torri tal-Arlogg. Informa lill-bqija tal-Kunsill li hemm hsieb ta' laqgha mas-Sur Church fit-18 ta' Marzu, 2015. Kompla biex jinforma lil dawk prezenti li l-Kummissjoni Elettorali talbet lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex tiddeciedi fuq id-data ta' meta ghandu jsir ir-referendum.

## 6 KORRRISPONDENZA

**6.1** Tressqet korrispondenza minghand ilil-Kapitlu tal-Parrocca ta' San Lawrenz. Il-Kunsill gie infurmat li laqa' it-talba tieghu li jigi esebit materjal li ghandu rabta mal-Ordni Sovran Militari tal-Kavallieri ta' San Gwann bhala parti mill-attivitajiet fil-Berga ta' Franza relatati mal-450 Sena Anniversarju tal-Assedju l-Kbir. Il-hsieb hu li din l-esebizzjoni titella' f' Mejju 2015.

**6.2** Giet esebita korrispondenza li saret minn naha tal-Kunsill fuq talba tas-Sur Arthur Grech rigward l-intenzjoni tieghu li jaghmel kiosk fiz-zona ta' Belvedere (maghrufa ahjar bhala s-Simenta). Is-Sindku, is-Sur John Boxall, iddikjara mal-bqija tal-membri tal-Kunsill li l-ittra saret biss wara li s-Sur Arthur Grech tah il-kelma li huwa kien kellem lilr-residenti li jghixu fil-vicinanza ta' fejn huwa mahsub li jsir il-kiosk u ddikjara mas-Sindku li ma' kien hemm l-ebda oppozizzjoni minghand ir-residenti. Is-Sindku, s-Sur John Boxall informa lill-membri prezenti li s-Sur Grech kien lest li jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-bankijiet. Intant, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jigi mitluba l-pjanti kollha ta' fejn gej u kif ser ikun dan il-progett minghand is-Sur Grech.

**6.3** Giet ukoll poggutha fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni tas-Sur Saviour Mifsud fuq il-prezz ta' van li jintuza biex jingabar il-bulky refuse tal-lokalita'. Dan il-pass ittiehed sabiex is-servizz tas-Sur Mifsud jintuza' sakemm it-trakk tal-kunsill jittiehed ghat-tiswija. Il-kwotazzjoni inkwestjoni giet approvata b'mod unanimu.

## 7 Skeda tal-Pagamenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti No 15. li tkopri c-cekkijiet bin-numri 2276 - 2383. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 7 ta' Jannar, 2015 – 16 ta' Marzu, 2015.

***Il-Laqgha 49(6) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fis-sebgha u nofs ta' filghaxija, bil-kontinwazzjoni taghha tkun is-17 t' Marzu, 2015 fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar.***

| | |
|---|---|
| _________________________ | _________________________ |
| Tania Belfiore | John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

***Approvati llum ...............................................***